MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 862/1999/1

Joseph, Carmelo, Saviour, Maria lkoll **ATTARD** u Carmen u John konjuġi Fromosa; u b'degriet tad-9 ta' Frar, 2001, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-attriċi Maria Attard, li mietet waqt is-smigħ tal-kawża, għall-persuna ta' l-atturi Joseph Attard u Carmela Formosa; u b'degriet tal-20 ta' Jannar, 2004, l-ġudizzju għadda fil-persuna ta' Stephen u Joanne mart Mario Abela, aħwa Attard, ulied l-attur Saviour Attard, li miet waqt li l-kawża kienet qiegħda tinstema'

vs

Mario u Maria Conċetta miżżewġin **GATT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' April, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin immolestawhom fil-pussess li kellhom tal-art li tinsab fl-Iklin, limiti ta' Ħal Lija, meta bnew ħajt madwar firxa ta' art tal-kejl ta' tlieta u ħamsin punt wieħed-ħamsa metri kwadri (53.15m$^2$) li tagħmel mill-imsemmija art; (ii) tikkundanna lill-imħarrkin sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom, jwaqqgħu l-imsemmi ħajt u jerġgħu jtellgħuh fejn kien il-ħajt ta' qabel u b'hekk iroddulhom lura l-pussess ta' ħwejjiġhom; u (iii) tawtorizza lilhom biex, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu x-xogħol ordnat fiż-żmien mogħti lilhom, jagħmlu huma x-xogħol meħtieġ bi spejjeż għall-imħarrkin u taħt is-superviżjoni ta' perit li l-Qorti jogħġobha taħtar għal daqshekk.  Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' Ottubru, 1999, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma xtraw l-art tagħhom mingħand terzi u fejn bnew huwa tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Novembru, 1999[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Frederick Doublet bħala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fatti tal-każ;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit tekniku fit-28 ta' Jannar, 2008[2], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2008;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrkin fil-5 ta' Marzu, 2008[3], li bih talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2008[4], li bih u fuq talba tal-imħarrkin, tathom żmien biex iressqu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni, qabel ma tgħaddi għall-ħatra tal-periti addizzjonali;

---

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ. 57 sa 104 tal-proċess
[3] Paġ. 107 tal-proċess
[4] Paġ. 109 tal-proċess

Rat it-tweġibiet imressqa b'Nota mill-perit tekniku eskuss fit-30 ta' Mejju, 2008[5] u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-5 ta' Ġunju, 2008;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fit-23 ta' Ġunju, 2008[6], li biha wrew ix-xewqa li jerġgħu jtellgħu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni ulterjuri, liema talba rrinunzjaw għaliha waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2008, fejn tennew r-rieda tagħhom li l-Qorti taħtar periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, li bih ħatret lill-Avukat Phyllis Farruġia u lill-Arkitetti Joseph Ellul Vinċenti u Alan Saliba bħala periti addizzjonali[7];

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-periti addizzjonali fl-1 ta' Marzu, 2010[8], minnhom maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2010;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Diċembru, 2010, li matulu l-għaref avukat difensur tal-atturi iddikjara li huma kienu joqogħdu għall-fehmiet murija fir-rapport tal-periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2010, li bih ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir mill-partijiet bil-miktub;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fid-9 ta' Frar, 2011[9];

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tal-atturi waqt is-smigħ tat-23 ta' Marzu, 2011, fis-sens li huwa ma kienx fi ħsiebu jressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub f'isem il-patroċinati tiegħu u bi tweġiba għal dawk magħmula mill-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll tal-kawża 3147/96JRM[10];

---

[5] Paġġ. 113 – 7 tal-proċess
[6] Paġ. 121 tal-proċess
[7] Paġ. 122 tal-proċess
[8] Paġġ. 139 sa 148 tal-proċess
[9] Paġġ. 151 – 3 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Marzu, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' manutenzjoni fil-pussess. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin ħadu, mingħajr ebda jedd, biċċa minn għalqa tagħhom li tinsab f'Tal-Iklin, billi neħħew ħajt li kien jifred dik l-għalqa minn art fejn tinsab id-dar tagħhom, u tellgħu ħajt ieħor madwar l-art li ħadulhom u għaqqduha mal-ġid tagħhom. Iridu li l-imħarrkin iwaqqgħu dak il-ħajt u jerġgħu jtellgħuh fejn kien l-ewwel wieħed u b'hekk iħalluhom fil-pussess sħiħ ta' l-art tagħhom;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi qalu li t-talbiet tal-atturi m'humiex tajbin għaliex ix-xogħlijiet li għamlu huma saru kollha fi ħwejjiġhom u fuq ġid li huma kienu xtraw mingħand terzi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-atturi (oriġinali) kienu ħamest aħwa, lkoll ulied Francesco Attard u Teresa mwielda Borġ. Ommhom kellha oħtha oħra, xebba, jisimha Victoria. Iż-żewġ aħwa Borġ kienu wlied Salvatore u Carmela mwielda Gauċi u missierhom kellu f'idejh għalqa ta' madwar tlitt itmien (3T)[11] fil-qasam imsejjaħ "Ta' Kieles" jew "Ta' Simblija", fl-inħawi tal-Iklin, fil-limiti ta' Ħal Lija. Salvu Borġ kien kiseb sehem ta' nofs mhux maqsum minnha mingħand l-aħwa Grech f'Jannar tal-1927[12]. Hu miet intestat fl-1960, filwaqt li bintu, omm l-atturi, mietet testata[13] f'April tal-1981[14], u oħtha Victoria

[10] Dawn iż-żewġ kawżi kienu mexjin flimkien, b'dikjarazzjoni magħmula mill-partijiet waqt seduta peritali tat-13.10.2000, u xi xhieda mogħtija f'dik il-kawża l-oħra – li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll – kienet tgħodd ukoll għal din safejn rilevanti

[11] Li jġibu 3372.37 metri kwadri

[12] Dok "JAA", f'paġġ. 212 – 5 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM

[13] Dok "JAH", f'paġġ. 166 – 8 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM

[14] Dok "JAE", f'paġ. 160 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM

Borġ mietet fi Frar tal-1994[15] u ħalliet lill-attriċi Maria Attard, xebba, b'werrieta universali tagħha[16]. F'Awissu tal-1994[17], Maria Attard għamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-ġid li wirtet mingħand zitha: sehemha mill-għalqa msemmija ssemma fl-imsemmi att;

Illi f'Awissu tal-1969[18], omm l-atturi u oħtha Victoria (flimkien ma' wieħed Carmelo Tanti) kienu daħlu f'att ta' konvenju ma' Tumas Fenech u Consiglio D'Amato biex jikkonċedulhom l-imsemmija art minnhom miruta b'enfitewsi perpetwa, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-wegħda ma seħħitx għaliex ix-xerrejja naqsu li jersqu għall-kuntratt, iżda omm l-atturi u oħtha kienu rebħu l-jedd li jżommu l-kapparra b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Diċembru, 1971[19];

Illi b'kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1983[20] l-imħarrek kiseb id-dar tiegħu bil-ġnien magħha. Dak iż-żmien, l-imħarrkin kienu diġa' miżżewġin. Jgħid li sa dak iż-żmien, ma kienx għadu nbena l-ħajt li jifred il-ġid mixtri minnu u dak miksub minn ħu l-mara tiegħu, ħatnu Ray Avallone, iżda l-ħajt ta' wara l-ġnien kien mibni, iżda l-bejjiegħa kienu qalulu li dak il-ħajt kien wieħed "temporanju"[21];

Illi f'April tal-1994, l-imħarrek ressaq talba mal-Awtorita' tal-Ippjanar, biex tħallih jestendi l-ġnien ta' wara d-dar tiegħu, jibni pixxina u tawtorizzah jibni ħajt diviżorju ġdid[22]. L-Awtorita' laqgħet it-talba tal-imħarrek f'Ġunju tal-1995[23]. Attard kien oġġezzjona f'Mejju tal-1995[24] mal-Awtorita' għall-iżvilupp li sar mill-imħarrkin minħabba li seħaq li l-ħajt li nbena kien jidħol fuq l-għalqa tagħhom. F'xi żmien tul l-1998, l-atturi raw li l-imħarrkin waqqgħu l-ħajt ta' wara tal-post tagħhom, u kien daħħlu inġenji minn fuq l-art ta' wara u bdew iħaffru biex jagħmlu l-pixxina[25] ;

---

[15] Dok "JAF", f'paġ. 161 tal-a tti tal-kawża 3147/96JRM
[16] Affidavit ta' Maria Attard 20.10.2000, f'paġ. 44 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[17] Dok "JAG", f'paġġ. 162 – 5 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[18] Dok "JAD", f'paġġ. 141 – 2 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[19] Paġġ. 144 – 9 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[20] Dok "MGA", f'paġġ. 231 – 7 tal-proċess
[21] Xhieda tiegħu, f'paġ. 66 tal-proċess
[22] Dok "JFĊ", f'paġġ. 195 – 7 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[23] Dok "JFĊ", f'paġġ. 199 – 204 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[24] Dok "JAB", f'paġ. 172 tal-atti tal-kawża 3147/96JRM
[25] Xhieda tal-attriċi Carmen Formosa 13.10.2000, f'paġġ. 63 – 4 tal-proċess

Illi f'Jannar, 1999, l-atturi ressqu ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin. F'April, 1999, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jirrigwardaw il-każ jissuġġerixxu li tkun ħaġa xierqa li jibda biex jingħad li l-azzjoni mressqa mill-atturi hija waħda mill-erba' azzjonijiet possessorji magħrufa mil-liġi, sewwasew l-azzjoni maħsuba li żżomm lil persuna fil-pussess ta' ħaġa li ħaddieħor qiegħed juri li sejjer ineħħih minnha[26];

Illi l-Qorti jidhrilha li kien meħtieġ li ssir din il-preċiżazzjoni minħabba li jidher li, minħabba lkwestjoni teknika tal-invażjoni, din il-kawża ħadet xejra oħra. Jista' jkun ukoll li dan seħħ minħabba li, b'rieda tal-partijiet, din il-kawża kienet qiegħda titmexxa ma' oħra (Ċitazz. 3147/96JRM) li kienet azzjoni ta' rivendika u li, għalhekk, daħlet fil-kwestjoni petitorja li kienet tmur lil hinn mill-aspetti possessorji li titlob din il-kawża;

Illi madankollu, jidher li din l-anomalija ssewwiet meta din il-Qorit, fil-ħatra tat-terna ta' periti addizzjonali, għażlet li waħda mill-*panel* tkun avukat, biex b'hekk tindirizza wkoll ir-riżultanzi tekniċi taż-żewġ relazzjonijiet peritali fil-qafas legali xieraq tagħhom marbuta man-natura possessorja tal-azzjoni tal-lum;

Illi meta l-Qorti tqis **il-mertu tat-talbiet attriċi**, għandu joħroġ li l-azzjoni mressqa mill-atturi hija waħda maħsuba li tħarsilhom it-tgawdija tal-pussess tagħhom tal-imsemmija art mill-ħsieb (u l-egħmejjel) tal-imharrkin li jnehhuhom minnu. Tlieta huma l-elementi ewlenin magħrufa li jsawru din l-għamla ta' azzjoni: (a) il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalita' ta' ħwejjeġ mobbli; (b) l-att ta' molestja u (ċ) li titressaq l-azzjoni fi żmien sena minn dak inhar li sseħħ il-molestja[27]. Hemm fehma li l-imsemmija tliet elementi jridu lkoll jissussistu biex l-azzjoni tista' tirnexxi[28]. Inghad ukoll li azzjoni ta'

[26] Art. 534 tal-Kap 16
[27] App. Ċiv. **30.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs D'Amato*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.395**)
[28] P.A. **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Benedetto Axisa vs Francis Axisa et*** (mhix pubblikata)

manutenzjoni tista' titressaq fil-każ ta' tneħħija mill-pussess fejn ma jkunx hemm vjolenza jew ħabi[29];

Illi, għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-liġi tgħid li l-attur għandu jkun fil-pussess "ta' liema xorta jkun", iżda, fl-istess waqt twiddeb li la jrid ikun inkiseb bi vjolenza jew bil-moħbi u lanqas irid ikun dak it-tip ta' pussess imsejjaħ "prekarju"[30]. Irid, fi kliem ieħor, ikun dak l-għamla ta' pussess li jikkonsisti fiż-żamma jew tgawdija ta' jedd li bih tista' tinkiseb il-proprjeta' tagħha u li wieħed iżomm jew jeżerċita bħala tiegħu nnifsu[31]. Tali pussess ikun imseddaq ukoll jekk ħaddiehor ikun fil-pussess bħala kompossessur[32]. Għalhekk, ingħad ukoll li "dina d-detenzjoni jew pussess, hija ta' liema xorta tkun, jibqa' jissussisti xorta waħda fl-attur *in manutentione*, indipendentement mid-dritt li wieħed jista' jkollu għal dina d-detenzjoni jew għal dak il-godiment; għaliex skop finali u uniku ta' dina l-azzjoni huwa dak li jiġi stabilit mill-ġudikant min għandu l-pussess, biex jiġi magħruf liema miż-żewġ kontendenti għandu jsostni fil-ġudizzju petitorju li eventwalment jiġi affrontat il-parti tal-attur u dik tal-konvenut; '*exitus controversiae possessionis hic est tantum ut prius pronuntiet judex 'uter possideat' ita enim fiet ut is qui victus est de possessione debitore partibus fungatur et unc de dominio quaeritus*"[33];

Illi, fil-każ tal-lum, l-atturi jistriehu fuq titolu li jmur lil hinn mill-pussess, jiġifieri l-proprjeta'. Iżda dak li jinteressa lill-Qorti f'kawża bħal din huwa l-pussess u bl-ebda mod ma għandu jsir stħarriġ li jmiss l-aspett petitorju tal-każ[34]. Fil-każ tal-lum, l-atturi seħħilhom juru sewwa li, sa minn żmien twil, kemm l-awturi tagħhom u kif ukoll huma, kellhom il-pussess bla xkiel tal-art kollha. Dan il-pussess ma kienx wieħed "prekarju". Huwa mgħallem li l-pussess,

---

[29] App. Ċiv. **8.3.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXI.ii.297**) u P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominka Mamo et vs Antonia Galea et*** (mhix appellata)
[30] P.A. GCD **8.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Aquilina et vs Carmelo Aquilina*** (mhix pubblikata)
[31] Art. 524 tal-Kap 16 u ara wkoll P.A. DS **8.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Costantino Borġ vs Eċċ. T. Dr. Alexander Cachia Żammit noe et*** (mhix appellata)
[32] P.A. **1.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Buġeja*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.611**) u App. Ċiv. **13.2.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius pro et noe vs Cutajar*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.97**)
[33] App. Ċiv. **24.2.1967** fil-kawża ***Vella vs Boldarini et*** (Kollez. Vol : **LI.i.100**)
[34] App. Ċiv. **7.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mikiel Calleja vs Emanuela Cassar et*** (mhix pubblikata)

ladarba miksub, ma jitlifx il-kwalita' tiegħu ta' pussess li jistħoqqlu jitħares għar-raġuni biss li l-pussessur ma jagħmilx atti ta' pussess, dment li, meta ried, seta' jagħmel dawk l-atti[35]. Fi kliem l-awturi "*il possesso, una volta acquisito, si conserva benche` il possessore non abbia fatto atti di possesso, se del resto aveva la possibilita` li farli. ... Il possesso legale d'un immobile una volta acquistato, si conserva colla sola intenzione del possessore per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finche` non sia stato volontariamente abbandonato*"[36];

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jikkontestaw b'qawwa l-element tal-pussess fl-atturi dwar l-art milquta b'din il-kawża. Kemm hu hekk jiddedikaw il-biċċa ewlenija tas-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan l-aspett u jargumentaw li l-periti addizzjonali kienu żbaljaw meta qiesu li l-atturi kellhom il-pussess[37]

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet u wkoll mill-fatti li ħarġu mill-atti tal-kawża, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-atturi kellhom il-pussess meħtieġ biex jirradika l-ewwel element tal-azzjoni tagħhom;

Illi, għal dak li jirrigwarda t-tieni element tal-*Actio Manutentionis,* ġie sa minn żmien ilu mfisser li kull attentat għall-eżerċizzju tal-pussess maħsub li jfixkel it-tgawdija u magħmul bil-għan jew fehma li jwettaq dak ix-xkiel, jikkostitwixxi l-molestja meħtieġa biex issejjes l-azzjoni[38]. Għaldaqstant, dik il-molestja tirriżulta kemm jekk hija waħda ta' fatt u kif ukoll jekk tkun waħda ta' dritt, dment li timplika dejjem sfida għall-pusssess tal-attur[39]. U, b'risultat ta' hekk, lanqas huwa mehtieg li jigi muri li l-attur garrab xi hsara (dannu) materjali;

---

[35] P.A. **27.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia Żammit et vs Barbara*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.822**)

[36] Baudry-Lacantinerie _Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: della Prescrizione_ (3a Ediz.) § 228, f'paġġ. 184 – 5

[37] §§ 1 – 6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 151 – 2 tal-proċess

[38] P.A. **16.3.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Vella et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.373**) u konfermata fl-Appell b'sentenza tal-**20.3.1936**

[39] Maġ. (Għ) AE **14.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Xerri vs Joseph Cremona et*** (mhix appellata)

Illi, fil-kaz presenti, l-imharrkin jghidu li huma xtraw l-art li fuqha saru x-xogħlijiet li minnhom jilmintaw l-atturi. Iżda, kif sewwa irrilevat il-perit legali fir-Relazzjoni addizzjonali[40], bl-ebda mod ma ntwera li l-imħarrkin, qabel ma ġarrfu l-ħajt li jiġi fuq in-naħa ta' wara tal-post tagħhom, qatt kellhom pussess tal-art li kienet f'idejn l-atturi u lanqas ma waqqfu lill-atturi milli jipposseduha x'ħin iridu. Kmem hu hekk, ħareġ ukoll (mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi Carmen Formosa) li wkoll huma u jsiru x-xogħlijiet għat-tħaffir tal-pixxina fil-ġnien tagħhom, l-atturi ma nżammewx milli jibqgħu jidħlu fuq l-art li jqisu li hija tagġhom u fejn saħansitra l-imħarrek wiegħed li kien se' jżomm milli l-inġenji u x-xogħlijiet jgħaddu aktar minn fuq dik l-art. Kien biss wara li l-imħarrkin temmew ix-xogħol li kellhom f'moħħhom li tellgħu l-ħajt kif jinsab illum, minkejja l-oppożizzjoni tal-atturi. Dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti, isejsu <u>l-element tal-molestja</u> bl-aktar mod car, u b'hekk ukoll jirriżulta stabilit it-tieni element tal-azzjoni attriċi;

Illi, dwar it-tielet element, jingħad biss li l-artikolu 534 jagħti "żmien ta' sena mill-molestja" biex parti tressaq l-azzjoni ta' żamma fil-pussess. Minn dak li ssemma aktar qabel, l-atturi ma tneħħewx mill-pussess sakemm inbena l-ħajt li reġa' għalaq ix-xogħlijiet li wettqu l-imħarrkin u ġabru fih parti mill-art li l-atturi kellhom il-pussess tagħha. Dak il-ħajt ittella' f'xi żmien qrib it-tieni nofs tal-1998 meta tlestew ix-xogħlijiet tal-pixxina tal-imħarrkin. Din il-kawża tal-lum saret f'April tal-1999, u għalhekk tħares iż-żmien mogħti mil-liġi li fih kellha titressaq din il-kawża. Bħal kull azzjoni possessorja oħra u skond in-natura partikolari tagħha, l-liġi ma tridx li min ikun fil-pussess u jew ixxekkel fit-tgawdija tiegħu jew tneħħa minnu jħalli għaddej iż-żmien u jabbanduna l-ħarsien f'waqtu tal-jedd tiegħu[41];

Illi l-imħarrkin jippruvaw iqanqlu d-dubju dwar it-tempestivita' tal-atturi fiż-żmien stabilit mil-liġi. Fil-fatt, fin-Nota tagħhom[42], jirreferu għal ċirkostanzi li, meħuda waħedhom, jistgħu jwasslu għal xi tħassib dwar iż-żmien

---

[40] §§ 26 – 9, f'paġġ. 147 – 8 tar-Relazzjoni

[41] Maġ. (Għ) AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cordina et vs Teddie Mizzi et*** (mhix appellata)

[42] §§ 7 – 8 f'paġ,. 152 tal-proċess

meta saru x-xogħlijiet. Iżda dan it-tħassib m'huwiex prova, meta mqabbel max-xhieda espressa tal-attriċi Formosa li, l-imħarrkin ma merew bl-ebda mod. L-imħarrkin kellhom kull fakulta' li jressqu xhieda u provi barranin biex jgħidu eżatt meta kien li wettqu u temmew ix-xogħlijiet, iżda għażlu mod ieħor. Wieħed ma jridx jinsa li, tul dak iż-żmien kollu, l-atturi kienu diġa ilhom li fetħu l-kawża ta' rivendika kontra l-ġar (u qarib) tal-imħarrkin, u ma jagħmilx sens li kienu fetħu kawża waħda u tgħażżnu fuq oħra kieku tassew kienet saret xi molestja fil-pussess tagħhom ukoll mill-imħarrkin f'dak iż-żmien;

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tagħżel li toqgħod fuq provi pożitivi minflok iddur għal konġetturi ipotetiċi, u tqis li l-atturi bdew l-azzjoni tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi seħħilhom jippruvaw kif imiss l-elementi kollha tal-azzjoni tagħhom, u sejra tilqa' t-talbiet tagħhom ukoll għaliex, fil-fehma tagħha, l-imħarrkin ma tawhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħti widen għall-eċċezzjonijiet tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, u ssib li l-imħarrkin fixklu u immolestaw lill-atturi fil-pussess tagħhom ta' tlieta u ħamsin punt wieħed-ħames metri kwadri ($53.15m^2$) mill-art magħrufa bħala "Ta' Kieles", f'Tal-Iklin, limiti ta' Ħal Lija;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin biex fi żmien tletin (30) jum mil-lum iwaqqgħu l-ħajt li huma bnew fuq l-istess art u jerġgħu jibnu l-ħajt fejn kien jinsab qabel ma huma wettqu x-xogħlijiet mertu tal-kawża;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tawtorizza lill-atturi sabiex, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jħarsu dak lilhom ordnat bis-saħħa ta' din is-sentenza, jagħmlu huma u bi spejjeż għall-istess imħarrkin u taħt is-superviżjoni tal-Perit Arkitett Alan Saliba, x-xogħlijiet meħtieġa biex jitreġġa' kollox għall-istat li kien qabel u biex l-art li minnha l-atturi

ġarrbu molestja fil-pussess tagħhom terġa' titqiegħed fil-pussess bla xkiel tal-atturi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrkin, billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------